MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 176/2002/1

**Avviz numru  176/02DM**

**Vincent Abela**

**Vs**

**Saviour Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' tlett elef u hdax-il lira tmienja u ghoxrin centezmu (Lm3011,28) jew ammont verjuri in linea ta' danni minnhu ikkagunati u minnu subiti in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara Tas-Salib, limiti tar-Rabat, fit-23 t'April 2000 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru LEK 232 habat mall-vettura Nru IBB 584, proprjeta' tal-attur u misjuqa minnhu prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-7ta' Frar 2002 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjern proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mis-7 ta' Frar 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, ipprezentata fit-2 ta April 2002, fejn eccipixxa illi:

1 Il-kollizzjoni meritu tal-kawza odjerna grat principalment minhabba t-tort u t-traskuragni tal-attur Vincent Abela illi hareg bil-karozza tieghu mit-Triq Dwejra ghal fuq it-Triq utilizzata mill-konvenut (Bingemma Road) f'cirkostanzi meta kellu jqis illi ma johrogx ghal fuq dik it-triq sakemm jqis illi seta' jaghmel hekk minghajr ma jikkreja emergenzi jew perikoli ghall-utenti tat-triq;
2 Skond ma gie riferit lill-eccipjent mill-assikurazzjoni tieghu, d-danni riklamati mill-attur huma ezagerati;
3 L-eccipjent, tramite l-konsulent legali tieghu, kien offra lill-attur illi r-responsabilita u d-danni konsegwenzjali jigu divizi b'mod illi kwota ta' sebghin fil-mija (70%) ta' tali responsabblita' tigi ndossata lill-istess attur (DOK ST 1). Jigi ghalhekk eccepit illi f'kaz illi r-responsabilita tal-istess attur tigi eventwalment stabilita f't'li kwota jew kwota superjuri,. l-ispejjez ta' din l-istanza jigu ssapportati 'in toto' mill-istess attur.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta April 2002 fejn il-konvenut iddikjara li l-eccezzjonijiet ta hawn fuq ma kienux saru fuq talba jew awtorizzazzjoni tieghu u konsegwentement il-Qorti ma tiehux izjed konjizzjoni taghhom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet issa mghamula fuq istruzzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 Fl-ewwel lok it-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-incident awtomobilistiku sehh unikament minhabba negligenza, imprudenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur li

baqa' hiereg minn side street minghjar ma ha l-prekawzjonijiet necessarji u ghalhekk ikkawza incident awtomobilistiku u habat mal-vettura misjuqa minn Saviour Vassallo liema vetura kienet qed tinsaq regolarment u fid-dritt f'Bingemma Road, limiti tar-Rabat u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2 Ghalhekk it-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;

3 Minhabba dan l-incident, l-konvenut sofra debilita permanenti ta' hmistax fil-mija (!5%) u ghal dan l-ghan qed tigi ntavolata l-kontra t-talba relattiva.

4 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat it-talba rekonvenzjonali tal-konvenut Saviour
fejn ippremetta illi :

Fit-23 t'April, 2000 fil-limiti tar-Rabat waqt li l-attur rikonvenzjonat Vincent Abela kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBB-584 huwa habat mal-vettura tal-marka Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni LEK-232, misjuqa mill-konvenut rikonvenzjonant Saviour Vassallo;

Talab li din l- Qorti tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat Vincent Abela jhallas lill-konvenut rikonvenzjonant dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti in linea mad-debilita' permanenti (Skond ma jirrizulta mic-certifikat anness mall-avviz u mmarkat bhala Dok A) li l-konvenut rikonvenzjonant sofra in vista ta' l-incident li sehh nhar it-23 t'April 2000; u

Ghall-finijiet ta' kompetenza ta' din il-Qorti il-konvenut rikonvenzjonant illimita t-talba tieghu ghal hamest'elef liri Maltin (Lm5,000);

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Dicembru 2001 u bl-imghax legali mill-4 ta' Dicembru, 2001 kontra l-attur rikonvenzjonant ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur Vincent Abela ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 In linea preliminari, it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut hija preskritta a tenur tal-Art 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2 Fil-mertu it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax htija tal-attur eccipjent izda gara unikament tort tal-konvenut innifsu;
3 Bla pregudizzju ghall premess, jinkombi lill-konvenut l-oneru tal-prova tad-danni li allegatament garrab bhala konsegwenza diretta tal-incident in ezami. Fi kwalunkwe kaz, l-attur eccipjent m'ghandux ikun kundannat ihallas danni lill-konvenut.
4 Bla pregudizzju ghall premess it-talba tal-konvenut ghall hlas tal-imghax kif dedotta fil-kontrotalba tieghu hija legalment insostenibbli stante li l-quantum tad-danni pretiz mill-konvenut ghadu mhux likwidat u ghaldaqstant jekk imghax ikun dovut dan ghandu jiddekorri mid-data tas-sentenza;
5 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-
Illi ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta sentejn a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 sollevata mill-attur b'eccezzjoni ghall-kontro talba tal-konvenut, jirrizulta li l-kollizzjoni li tghat lok ghad-danni allegati kienet grat fit-23 ta April 2000 u billi l-konvenut intavola il-kontro-talba tieghu fis-26 ta April 2002 wara gheluq is-sentejn din it-talba tkun trid tigi meqjusa preskritta fin-nuqqas ta xi att gudizzjarju jew att iehor li setgha serva ghall-interuzzjoni tal-perijodu preskrittiv.

Il-konvenut pero' , fis-seduta ta' l-24 ta Ottubru 2002 ipprezenta kopja legali ta ittra ufficjali (Dok SV1) minnhu spedita kontra l-attur fl-4 ta Dicembru 2000 fejn talab id-

danni li qed jippretendi bil-kontro-talba tieghu. Din l-ittra ufficjali giet notifikata lill-attur fid-9 ta Dicembru 2000 u d-dekorrenza ta’ l-perijodu preskrittiv ta sentejn giet interrotta.

Billi ghalhekk s-sentejn preskrittiv regghu bdew jiddekorru mill-4 ta Dicembru 2000, il-prezentata ta’l-kontrotalba kienet entro it-terminu u konsegwentement tichad l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-attur.

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu l-provi jikkonsistu esklussivament fid-depozizzjonijiet tas-sewwieqa koncernati li huma l-kontendenti f’din il-kawza, apparti mid-depozizzjoni, rapport u skids ta’ l-ufficjal tal-pulizija li nvestigat il-kaz u l-pjanta prezentata mill-perit Richard Aquilina.

Mill-verzjonijiet moghtija mis-sewwieqa koncernati ma jirrizultawx tant divergenzi, infatti z-zewg sewwieqa jaqblu dwar il-provenjenza tal-vetturi sakemm habtu u jaqblu illi l-attur li kien qed isuq il-vettura IBB 584 kien diehel fil-fetha tas-Salib u provenjenti minn Triq id-Dwejra, waqt illi l-konvenut isuq il-vettura LEK 232 kien provenjenti mit-triq tas-Salib u qed jipprocedi fil-fetha illi din it-triq tifforma ma’ Triq tas-Salib,  Triq id-Dwejra, Triq Bin Gemma u triq ohra faccata ta’ Triq id-Dwejra.

Jirrizulta illi l-attur kien intiz li jibqa’ jipprocedi ghat-triq li hemm fuq in-naha l-ohra tal-fetha ghal-Triq id-Dwejra, xi ftit lejn ix-xellug tieghu waqt li l-konvenut kien intiz li jibqa’ jipprocedi minn Triq tas-Salib sa Triq Bin Gemma ezatt faccata ta’ xulxin.

Jirrizulta wkoll illi skontru bejn iz-zewg vetturi gara meta l-konvenut kien qieghed jiporgi minn go Triq id-Dwejra ghal gol-fetha Tas-Salib u l-konvenut kien ghadu kif telaq Triq tas-Salib qed jipprocedi go din il-fetha biex jipprova jaqbad Triq Bingemma.

Jirrizulta, illi l-vettura tal-konvenut halliet sitta u hamsin (56) pied sinjali ta’ ‘breaks’ bil-punt ta’ fejn dawn il-‘breaks’

gew applikati sal-post ta’ fejn waqfet wara li habtet mall-vettura ta’ l-attur.

Jirrizulta, illi almenu fuq il-vettura ta’ l-attur il-hsarat huma estensivi u jidhru fir-ritratti esebiti mill-attur, waqt li mill-‘police accident report’ jirrizulta illi anke l-vettura tal-konvenut kienet sofriet hsarat estensivi.

Jirrizulta wkoll, illi bl-iskontru l-vettura ta’ l-attur giet spostata konsiredevolment lejn in-naha tal-lemin taghha. Waqt li l-konvenut isostni illi kien l-attur illi hariglu f’daqqa wahda, u ostakolalu t-traettorja maghzula, l-attur isostni illi hu kien qieghed jipprocedi bil-mod biex jesplora l-fetha tas-Salib meta gie l-konvenut minn fuq ix-xellug tieghu, qes isuq fuq in-naha tal-lemin tat-triq u ghalhekk kif sporga fil-fetha huwa mmedjatament intlaqat.

Ghalkemm mill-pjanta maghmula mill-perit Richard Aquilina u esebita a fol. 35 tal-process tirrizulta sew il-konfigorazzjoni tad-diversi toroq li jaghtu ghall-fetha tas-Salib, u li dawn it-toroq ma jiffurmawx inkrocju perfett kif wiehed solitu jifhem b’inkrocju meta t-toroq, ossija meta l-erba’ (4) toroq ikunu ezattament faccata ta’ xulxin, jidher illi din il-konfigorazzjoni fl-assenza ta’ ebda sinjali ta’ min ghandu jaghti precedenza lil min kellha tobbliga liz-zewg sewwieqa illi jimmanuvraw il-vetturi taghhom bl-ikbar cirkospezzjoni u jkunu attenti ghal kwalunkwe traffiku iehor illi jista’ jkun fil-vicinanzi.

Billi kif diga’ inghad il-konfigorazzjoni tat-toroq ma jiffurmawx dak l-inkrocju li jirriferi ghalih l-Artikolu 82 tar-Regolamenti **194** dwar il-vetturi bil-mutur, u cioe’ illi d-dritta mhiex bilfors tas-sewwieq li jkun fuq ix-xellug ta’ l-iehor, xorta wahda kien l-obbligu ta’ kull sewwieq li qabel ma jidhol fil-fetha tas-Salib huwa jesplora ukoll l-istess fetha mhux biss ghat-traffiku li seta’ kien provenjenti minn fuq il-lemin tieghu, izda anke ghal dak li seta’ gej minn fuq ix-xellug.

Ghalhekk, meta wiehed jezamina l-manuvra li kien qed jaghmel l-attur, wiehed irid jistabbilixxi jekk dan kienx b’xi

mod naqas milli josserva l-prekawzjonijiet kollha dettati mill-konfigorazzjoni tat-toroq involuti.

Mill-iskecc maghmul mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz, jirrizulta illi wara l-habta l-vettura ta’ l-attur spiccat b’wara taghha f’distanza ta’ tlett (3) piedi mill-kantuniera ta’ fuq ix-xellug tieghu, u d-distanza ta’ tlett (3) piedi qed tigi kkalkolata minn mac-cint li jidher fil-pjanta maghmula mill-perit Richard Aquilina, u dana peress illi WPS 171 Lillian Mifsud kienet iddikjarat illi l-kalkolu li ghamlet ta’ sitt (6) piedi bhala distanza tal-‘break marks’ indikati fl-iskecc ghal fuq in-naha tal-lemin taghhom kienet giet ikkalkolata minn mac-cint li kien hemm fil-vicinanzi.

Jirrizulta wkoll, illi fuq in-naha tax-xellug ta’ l-attur kien hemm sigar u pjanti mahrugin il-barra sew ghal gol-fetha stess illi kienu jimpedixxu l-viswali u ghalhekk l-attur kellu bilfors jipprocedi oltre l-konfini tac-cint, sabiex seta’ jesplora sew ghat-traffiku li seta’ gej minn fuq in-naha tax-xellug tieghu.

Il-Qorti taccetta wkoll, illi din il-manuvra ta’ l-attur ma kienitx qieghda tiehdu mmedjatament ghal nofs il-fetha, imma kienet timplika illi kien qieghed jikser lejn ix-xellug tieghu filwaqt li jipprocedi l-quddiem billi t-triq li fiha ried jipprocedi kienet spostata fuq in-naha tax-xellug tieghu.

Evidentement, billi l-attur fuq in-naha tax-xellug tieghu ma kellux triq imma l-fetha fformata mill-erba’ (4) toroq, huwa ma kellux ghaliex jistenna illi kellha tigi vettura minn fuq ix-xellug tieghu li qieghda thakkek man-naha tal-lemin tal-fetha, meta l-istess fetha kienet tipprovdi wiesgha kbir li fih vettura li riedet taqbad Triq Bingemma setghet timmanuvra.

Ghaldaqstant il-Qorti, ma ssib xejn x’tista’ ticcensura fil-manuvra illi ghamel l-attur, izda l-istess ma jistax jinghad ghall-manuvra li ghamel il-konvenut. Infatti jirrizulta illi meta l-konvenut telaq Triq tas-Salib u dahal fil-fetha biex iproceda lejn Triq Bingemma, huwa ma ghazilx illi jallontana ruhu minn mal-lemin tieghu biex anke jahseb ghal min seta’ ried johrog minn Triq id-Dwejra. Infatti kif

jirrizulta mill-iskidds tal-ufficjal tal-pulizija, huwa halla biss distanza ta’ sitt (6) piedi bejn il-lemin tal-vettura tieghu u c-cint illi hemm fuq il-lemin.

Dan jidher aktar ahjar fuq l-iskidds maghmul mill-istess ufficjal, milli fuq il-pjanta maghmula mill-perit Richard Aquilina illi pogga l-‘break marks’ f’distanza ta’ sitt (6) piedi l-boghod mit-tarf tal-haxix li kien hemm fuq in-naha tal-lemin, u mhux mic-cint illi hu stess ippjanta fl-istess dokument ‘RA’.

Jirrizulta wkoll li l-konvenut mhux biss kien qieghed isuq fil-fetha tas-Salib fuq in-naha l-hazina tat-triq, izda jidher ukoll illi l-velocita’ li kien qed isuq biha f’dan l-inkrocju rregolari kienet eccessiva, tenut kont ukoll tal-manuvra illi huwa ghazel li jaghmel.

Infatti, il-vettura tieghu halliet sitta u hamsin (56) pied ‘break mark’, u dan anke meta kienet involuta f’impatt ta’ certa gravita’ tant illi z-zewg vetturi garbu hsarat estensivi, u l-vettura ta’ l-attur spostata sew ghal fuq il-lemin taghha.

Din il-velocita’ hija ndikattiva illi l-konvenut ma kienx qed isuq b’dak il-grad gholi ta’ attenzjoni rikjest minnu. Meta kien qed jittraversa l-fetha tas-Salib, issorprenda t-traffiku provenjenti minn Triq id-Dwejra billi zamm wisq mal-lemin tat-triq kif juru l-‘break marks’ mhollija mill-vettura tieghu, illi ghandhom jitqiesu li huma iktar vicin lejn ic-cint indikat milli turi l-pjanta maghmula mill-perit Richard Aquilina.

Ghaldaqstant, issib illi l-konvenut huwa edukament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni, u ghalhekk filwaqt li tichad il-kontrotalba tieghu tiddikjara illi huwa jrid jirrispondi ghad-danni kollha illi gew ikkawzati fil-vettura ta’ l-attur.

Wara li l-Qorti ezaminat ir-ritratti tal-hsarat li garbet il-vettura ta’ l-attur, kif ukoll l-ircevuti dettaljati, u kontijiet relattivi tal-‘parts’ u tiswijiet kollha li saru;

Il-Qorti ssib illi t-talba ta’ l-attur ghas-somma komplessiva ta’ tlett elef u hdax il-lira Maltin u tmienja u ghoxrin

centezmi (Lm3011.28) hija ampjament gustifikata, u konsegwentement qieghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur ghar-ragunijiet indikati fl-avviz is-somma mitluba ta’ tlett elef u hdax il-lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmi (Lm3011.28) bl-imghax legali mis-7 ta’ Frar, 2002.

Bl-ispejjez kontra il-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------